**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Rikors numru 36/2012**

**Wara l-ittra ufficjali tal-25 ta' Novembru 4583/2011, ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap. 418, ippresentata mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni**

**Melitanet Ltd (C 21309)**

**vs**

**L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni**

**Illum, 28 ta' Novembru 2016,**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tas-socjetà intimata rikorrenti li jghid hekk:

Illi s-somma ta’ elfejn tmien mija u erbatax-il Ewro u wiehed u tletin centezmu (€2,814.31) pretiza mill-Awtorità mhumiex dovuti ghaliex is-socjetà rikorrenti kienet waqqfet milli topera s-servizz ta’ komunikazzjonijiet u ma kellha ebda relazzjoni kuntrattwali mal-Awtorità.

Inoltre l-hlasijiet amministrattivi, l-multi u l-interessi indikati f’Dok B gew imposti abbuzivament u illegalment mill-Awtorità.

Ghalhekk is-socjetà rikorrenti topponi l-pretensjoni maghmula fl-ittra ufficjali tal-25 ta’ Novembru 2011 u titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara tali pretensjoni bhala wahda infondata.

Il-Qorti rat ukoll ir-risposta tal-Awtorità rikorrenti intimata li tghid hekk:

Illi fis-6 ta’ Jannar 2012 l-Awtorità ta’ Malta dwar il-komunikazzjoni (hawn izjed ‘il quddiem l-Awtorità) giet notifikata b’rikors tas-socjetà Melitanet Limited, f’liema rikors Melitanet Limited qed topponi t-talbiet ghal hlas kif dedotti fl-ittra ufficjali tal-25 ta’ Novembru 2011 fejn l-istess Melitanet Limited giet interpellata biex thallas l-ammont ta’ **elfejn, tmien mija u erbatax-il Euro u wiehed u tletin centezmu (€2,814.31)** dovuti bhala hlasijiet amministrattivi ghal awtorizzjoni generali li Melitanet Limited gawdiet u dan a tenur tar-Regolamenti dwar in-*Networks* u Servizzi ta’ Komunikazzjonijiet Elettronici (Generali) (A.L. 399.28); hlasijiet ta’ multi u hlasijiet ta’ interessi.

Illi l-Awtorità a termini ta' l-artikolu 49(3) tal-Kap. 418 tal-Ligijiet ta' Malta qed tipprevalixxi ruhha mill-fakoltà moghtija lilha mill-ligi biex twiegeb ghat-talbiet kif dedotti fl-imsemmi rikors maghmul mill-Melitanet Limited, fejn allura l-Melitanet Limited qed topponi l-hlasijiet mitluba fl-imsemmija ittra ufficjali.

Illi l-Awtorità qed twiegeb ghas-sottomissjonijiet maghmula fir-rikors tal-Melitanet Limited dwar l-argumenti li l-hlasijiet amministrattivi, il-hlasijiet ta' multi u l-hlasijiet ta' interessi, gew imposti abbuzivament u illegalment mill-Awtorità u li tali pretensjoni hija wahda infondata.

Illi jigi sottomess li fir-rigward tal-perjodu kopert mill i*statement of account (*ara document 'B' anness ma' l-ittra ufficjali in kwistjoni) u cioè sat-30 ta' Gunju 2010, Melitanet Ltd kellha awtorizzazzjoni generali a tenur tad-dispozzizzjonijiet skont ir-Regolamenti dwar in *Networks* u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettronici (Generali) (LS 399.28). F'dan ir-rigward qed jigi anness bhala Dok **MCA01** n-*notification form* li Melitanet Limited stess kienet baghtet lill-Awtorità biex hi tkun tista' topera taht il-kategorija ta' 'Other publicly available communications services' (ara t-tieni pagna tad-dokument MCA01).

Illi qed jigi sottomess li Melitanet Limited qatt ma avzat bil-miktub lill-Awtorità – kif allura hi mitluba li taghmel skont il-ligi – li ma kinitx ha tibqa' tipprovdi *networks* ta' komunikazzjonijiet elettronici u li ma kinitx ha tibqa' responsabbli ghat-twettiq ta' kull obbligazzjoni bhala provditur ta' *networks* u, jew servizzi bhal dawk sakemm jinghata dak l-avviz kif mitlub fl-artikolu

55(6) tar-Regolamenti dwar in-*Networks* u servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettronici (Generali) (A.L. 399.28).

Illi Melitanet Limited minkejja bosta ittri ta' twissija mill-Awtorità naqset milli thallas l-hlasijiet amministrattivi ghal awtorizzazzjoni generali li Melitanet Limited gawdiet, il-hlasijiet ta' multi u l-hlasijiet ta' interessi.

Illi f'dawn ic-cirkustanzi l-Awtorità in konformità mal-poteri taghha taht l-Att ghat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Kap 418 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar in-*Networks* u servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettronici (Generali) (A.L.399.28) ma kellha ebda ghazla imma li **tirtira** l-awtorizzazzjoni generali li Melitanet Limited gawdiet u nfurmat lill Melitanet b'din l-azzjoni permezz ta' ittra datata 20 ta' Lulju 2010 (ara document MCA02).

Illi Melitanet Limited qatt ma' kkontestat l-azzjoni ta' l-Awtorità fir-rigward taghha kif kien innotifikat fl-ittra msemmija ta' l-Awtorità.

Illi fil-perjodu li ghalih taghmel referenza *l-istatements of account* (ara dokument 'B' ma' l-ittra ufficjali in kwistjoni) li kien anness ma' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Novembru 2011, l-Melitanet Ltd kienet ghadha tgawdi mill-awtorizzazzjoni generali fuq imsemmija peress li dan l-*istatement of account* ikopri l-perjodu tal-25 ta' Mejju 2009 sal-10 ta' Lulju 2010.

Illi l-Awtorità tikkontesta l-allegazzjoni li dawn l-hlasijiet amministrattivi ghal awtorizzazzjoni generali, hlasijiet ta' multi u hlasijiet ta' interessi gew imposti abbuzivament u illegalment

mill-Awtorità u li tali pretensjoni hija wahda infondata fil-fatt u fil-ligi.

Illi bir-rispett ma hemm ebda bazi ghal l-argument maghmul mill-Melitanet Limited f'dan ir-rikors taghha. L-Awtorità meta ghamlet l-ittra ufficjali segwiet il-procedura applikabbli skont l-Artikolu 49 ta' l-Att ghat-Twaqqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Kap 418 tal-Ligijiet ta' Malta fejn allura hemm stabbilit il-procedura li l-Awtorità trid issegwi f'kazijiet ta' nuqqas ta' hlas ta' xi hlasijiet amministrattivi jew drittijiet.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-awtorità umilment titlob li t-talbiet kif dedotti fir-rikors tal-Melitanet Limited ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess Melitanet Limited fir-rigward ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Novembru 2011 kontra l-istess Melitanet Limited.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjetà rikorrenti intimata tal-10 ta' Marzu 2016;

Rat li s-socjetà intimata rikorrenti, minkejja it-terminu ulterjuri lilha koncess ghall-prezentata tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha, baqghet ma pprezentat l-ebda risposta;

Rat illi fis-seduta tas-27 t'April, 2016, il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza u qieset il-provi kollha prodotti;

Ikkunsidrat;

Illi fil-kawza odjerna s-socjetà intimata rikorrenti qeghda titlob illi din l-Onorabbli Qorti tiddikjara l-pretensjoni tal-awtorità rikorrenti intimata bhala wahda infondata stante illi (1) s-somma ta' elfejn tmien mija u erbatax-il Ewro u wiehed u tletin centezmu (€2,814.31) pretiza mill-Awtorità mhix dovuta ghaliex is-socjetà rikorrenti ntimata kienet waqfet milli topera s-servizz ta' komunikazzjonijiet u ma kellha ebda relazzjoni kuntrattwali mal-Awtorità u (2) il-hlasijiet amministrattivi, l-multi u l-interessi indikati f'Dok B gew imposti abbuzivament u illegalment mill-Awtorità.

L-Awtorità rikorrenti ntimata kkontestat l-istess talbiet ghar-ragunijiet spjegati fir-risposta taghha.

Illi l-provi mressqa fil-kawza odjerna jikkonsistu biss f'numru ta' dokumenti kif ukoll mix-xhieda moghtija minn Marcelle Cassar, direttur tas-socjetà intimata rikorrenti u dik moghtija mill-Avukat Dr. Paul Edgar Micallef ghan-nom tal-Awtorità rikorrenti ntimata.

Illi jirrizulta mill-istess xhieda li s-socjetà intimata rikorrenti qatt ma nfurmat formalment lill-Awtorità illi hija kienet ser twaqqaf is-servizz taghha. In oltre x-xhud Marcelle Cassar jghid li mar personalment jitkellem mar-rapprezentant tal-Awtorità bl-isem ta' Abela f'Settembru 2009 u nfurmawha verbalment dwar dan. Izda mix-xhieda tal-Avukat Micallef jirrizulta li Caroline Abela spiccat mill-impjieg taghha f'April 2009. Konsegwentament ix-xhieda ta' Cassar ma tregix, jew inkella seta' tkellem ma' xi hadd iehor bl-istess kunjom. Din però tista' tibqa' biss possibilita mhix pruvata ghaliex l-istess rapprezentant tas-socjetà intimata rikorrenti ma regax deher quddiem il-Qorti fis-seduti kollha li

saru wara li xehed ir-rapprezentant tal-Awtorità u ghalhekk ma kkontradixxa u ma rribatta tali xhieda bl-ebda mod.

Jirrizulta wkoll illi l-Awtorità ghandha l-jedd ghal tali pagamenti u tali penali sakemm is-service provider bhal ma hija s-socjetà intimata rikorrenti ma tinfurmax lill-Awtorità formalment li ma hiex se tkompli tforni s-servizz u ghalhekk ma hiex se tkompli tezercita tali licenzja.

Jirrizulta mix-xhieda kemm ta' Cassar kif ukoll ta' Micallef li s-socjetà intimata rikorrenti ma nfurmatx formalment lill-Awtorità dwar dan.

In oltre jirrizulta wkoll li l-istess socjetà intimata rikorrenti qeghda tikkontesta biss l-hlas dovut ghal-licenzja ghall-ahhar sena u cioè 2010, kif ukoll il-penali mposti bhala hlasijiet amministrattivi, multi u interessi.

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma tistax hlief issib li s-socjetà intimata rikorrenti ma tistax tirnexxi fit-talba taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tichad it-talba tas-socjetà intimata rikorrenti Melitanet Limited bl-ispejjez kontra taghha.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur